# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Diċembru 2011

## li taħtar membru Ġermaniż fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2012/1/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Settembru 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE, Euratom li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 ([1]).

(2) Post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Joachim WUERMELING,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dr Jörg FREIHERR FRANK VON FÜRSTENWERTH, *Gesamtverband der Deutschen Versicherungswirtschaft e.V.* hu b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. KOROLEC

([1]) ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.